MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2459/2002

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Amanda Xuereb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270.00), dovuti skond erba' kambjala li gew iffirmati minnha u li skadew fl-10 ta' Lulju, 2002, fl-10 ta' Awissu, 2002, fl-10 ta' Settembru, 2002 u fl-10 ta' Ottubru, 2002, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li giet diversi drabi interpellata, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru, 2002 u tal-parir, hmistax-il lira**

**(Lm15.00), kontra l-konvenuta u bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data ta' kull skadenza, u l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Novembru, 2002, li biha rriduciet t-talba ghas-somma ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00), billi sar pagament waqt il-mori tal-kawza, u zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00), bl-imghaxijiet legali ta' l-10 ta' Ottubru, 2002.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru, 2002 u hmistax-il lira (Lm15.00) tal-parir, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------